BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 10/2011**

**Data tal-pubblikazzjoni: 27 ta' April 2012**

**Ottubru 2011**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar t'Ottubru 2011.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet b'EUR540.7 miljun, jew 5.6%, f'Ottubru, għal EUR10.2 biljuni (ara Tabella 1). Sadanittant, ir-rata tat-tkabbir annwali telgħet għal 8.2% minn 5.7% f'Settembru.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) kiber b'EUR144.6 miljuni, jew 2.7%. Dan seħħ fil-biċċa l-kbira minħabba żieda fid-depożiti *overnight* għalkemm l-ammont ta' flus maħruġa kien ogħla wkoll mix-xahar ta' qabel. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 telgħet għal 9.6% minn 9.2% f'Settembru.

F'Ottubru, il-komponent monetarju intermedju (M2) kiber ukoll b'EUR145.8 miljun, jew 1.5%, u dan jirrifletti prinċipalment iż-żieda fl-M1. Id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas kellhom titjib marġinali ta' EUR2.7 miljuni filwaqt li dawk li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas naqsu b'EUR1.4 miljun. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M2 naqset għal 4.4% minn 5.9% f'Settembru.

F'Ottubru, l-IFM residenti bdew jużaw il-ftehim għal xiri mill-ġdid biex jakkwistaw finanzjament fuq żmien qasir minn residenti oħra fiż-żona tal-euro, u b'hekk taw spinta lill-M3. Għalhekk id-differenzjal bejn l-M3 u l-M2 twessa'.

Fir-rigward taċ-ċaqliq fit-tkabbir monetarju, il-kontroparti tas-self naqset b'EUR69.8 miljun, jew 0.4%, f'Ottubru. Dan it-tnaqqis seħħ minn tnaqqis ta' EUR73.4 miljun fis-self lill-gvern ġenerali, filwaqt li s-self lil residenti oħra kiber bi ftit. Ir-rata annwali tat-tkabbir fis-self naqset għal 11.6% minn 12.8%.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet b'EUR595.5 miljun, jew 7.7% f'Ottubru. Dan seħħ prinċipalment minn tnaqqis fis-self lill-banek residenti mingħand banek f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro. Minbarra dan, żdied sew l-ammont miżmum ta' titoli maħruġa minn gvernijiet ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro u dan għeleb tnaqqis sostanzjali li kien hemm fid-depożiti miżmuma barra minn Malta.

L-obbligazzjonijiet l-oħra inklużi fl-M3 miżmuma fuq il-karti tal-bilanċ tal-IFM naqsu b'EUR14.9 miljun, jew 0.1% f'Ottubru. Dan irrifletta l-aktar tnaqqis fl-obbligazzjonijiet tal-IFM lejn il-gvern ċentrali u tnaqqis fl-obbligazzjonijiet oħra (netti), li prinċipalment jirriflettu transazzjonijiet bejn il-banek ma' residenti ta' pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Dan it-tnaqqis għeleb żieda li kien hemm fl-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-IFM b'perijodu ta' maturità itwal fin-natura ta' depożiti fuq żmien itwal u ishma.

### Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self

Id-depożiti li huma parti mill-M3 u li huma ta' residenti Maltin, miżmuma ma' IFM residenti għolew b'EUR60.3 miljun, jew 0.7% f'Ottubru (ara Tabella 2). Din iż-żieda rriflettiet volum ogħla ta' depożiti *overnight* li kibru b'EUR142.3 miljun, jew 3.2%. Min-naħa l-oħra, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas naqsu bi EUR80.7 miljun l-istess kif ġara f'dawk li jinfdew b'avviz ta' tliet xhur jew anqas, li naqsu b'EUR1.4 miljun. Ir-rata tat-tkabbir tad-depożiti totali tar-residenti sena fuq sena li huma parti mill-M3 naqsu minn 4.2% f'Settembru għal 3.3% f'Ottubru. F'Ottubru, l-istess rata tat-tkabbir tad-depożiti miżmuma minn residenti fiż-żona tal-euro ma' IFM fiż-żona tal-euro kienet ta' 1.8%.

Iż-żieda fid-depożiti *overnight* kienet mifruxa u seħħet l-iktar minħabba żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji, kumpaniji tal-assikurazzjoni u individwi. It-tnaqqis fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas kien dovut għall-individwi u għall-kumpaniji tal-assikurazzjoni, filwaqt li kien hemm żieda fid-depożiti ta' kumpaniji privati u pubbliċi mhux finanzjarji u intermedjarji finanzjarji oħra. It-tnaqqis fid-depożiti li jinfdew b'avviż immedjat sa tliet xhur irrifletta ċaqliq fid-depożiti ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji, intermedjarji finanzjarji oħra, individwi u kumpaniji tal-assikurazzjoni.

Is-self lir-residenti ta' Malta (inkluż il-gvern ġenerali) kiber b'EUR25.2 miljun, jew 0.2%, bir-rata tat-tkabbir annwali tiegħu tirpilja għal 5.3% f'Ottubru minn 5.1% fix-xahar ta' qabel.

Iż-żieda fis-self seħħet minn żieda ta' EUR30.1 miljun fis-self lil gvern ġenerali. Din tal-aħħar ġrat minħabba żieda fl-ammont miżmum ta' stokks tal-Gvern ta' Malta u *bills* tat-Teżor. Ir-rata tat-tkabbir annwali ta' din il-kontroparti għoliet għal 6.5% minn 5.6% f'Settembru.

B'kuntrast għal dan, is-self lir-residenti ta' Malta barra l-gvern ġenerali naqas b'EUR4.9 miljuni, jew 0.1%. F'dan il-komponent kien hemm tnaqqis fit-titoli barra l-ishma miżmuma mill-IFM. Sadanittant, naqas marġinalment ukoll is-self hekk kif żieda fis-self lill-kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji u lill-individwi ma kienx biżżejjed biex jegħleb tnaqqis fis-self mogħti lill-kumpaniji privati mhux finanzjarji. F'Ottubru, ir-rata tat-tkabbir annwali tas-self totali lil residenti barra l-gvern baqgħet stabbli fil-livell ta' 4.9%, filwaqt li dik tas-self naqset għal 4.6%. Meta mqabbla, ir-rata tat-tkabbir tas-self mill-IFM kollha taż-żona tal-euro lir-residenti taż-żona tal-euro eskluż il-gvern ġenerali kienet ta' 2.8%.

### Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin żdiedu b'EUR95.6 miljun, jew 0.9% f'Ottubru (ara Tabella 2).[1] Din irriflettiet żieda fl-ammonti barranin dovut lejhom li kien aktar miż-żieda fl-obbligazzjonjiet barranin tagħhom. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-assi barranin netti għoliet għal 2.2% minn 2.0% fix-xahar ta' qabel.

---

[1] L-assi netti barranin jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti**

F'Ottubru, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti inklużi fl-M3 waqgħet għal 1.11% minn 1.13% fix-xahar ta' qabel. Ir-rata tal-imgħax mitluba fuq is-self naqset bi ftit b'punt bażi għal 4.75%. Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti naqset b'seba' punti bażi, filwaqt li r-rata mitluba fuq is-self ma nbidlitx.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Ott-11 | Set-11 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ott-10 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,455.4** | **5,310.8** | **144.6** | **2.7** | **4,979.0** | **476.5** | **9.6** |
| Flus maħruġa(4) | 701.6 | 690.1 | 11.5 | 1.7 | 663.0 | 38.6 | 5.8 |
| Depożiti *overnight* (5) | 4,753.8 | 4,620.7 | 133.1 | 2.9 | 4,316.0 | 437.8 | 10.1 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,602.3** | **9,456.4** | **145.8** | **1.5** | **9,198.9** | **403.3** | **4.4** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,455.4 | 5,310.8 | 144.6 | 2.7 | 4,979.0 | 476.5 | 9.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 125.9 | 127.3 | -1.4 | -1.1 | 113.5 | 12.4 | 10.9 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 4,020.9 | 4,018.3 | 2.7 | 0.1 | 4,106.5 | -85.5 | -2.1 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,213.6** | **9,672.9** | **540.7** | **5.6** | **9,437.9** | **775.7** | **8.2** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,602.3 | 9,456.4 | 145.8 | 1.5 | 9,198.9 | 403.3 | 4.4 |
| Self kontra titoli | 393.0 | 0.0 | 393.0 | 0.0 | 0.0 | 393.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas(6) | 218.3 | 216.5 | 1.8 | 0.8 | 238.9 | -20.6 | -8.6 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **16,036.0** | **16,105.7** | **-69.8** | **-0.4** | **14,371.7** | **1,664.2** | **11.6** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,762.3 | 4,835.7 | -73.4 | -1.5 | 3,835.8 | 926.5 | 24.2 |
| Self lil setturi oħra | 11,273.7 | 11,270.1 | 3.6 | 0.0 | 10,535.9 | 737.8 | 7.0 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **8,330.7** | **7,735.1** | **595.5** | **7.7** | **8,140.3** | **190.4** | **2.3** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 28,935.4 | 28,865.7 | 69.7 | 0.2 | 29,186.4 | -251.0 | -0.9 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 20,604.7 | 21,130.6 | -525.9 | -2.5 | 21,046.0 | -441.4 | -2.1 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **14,153.1** | **14,168.0** | **-14.9** | **-0.1** | **13,074.2** | **1,078.9** | **8.3** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 626.9 | 712.9 | -86.0 | -12.1 | 688.1 | -61.2 | -8.9 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,787.4 | 11,649.1 | 138.4 | 1.2 | 11,264.9 | 522.6 | 4.6 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 1,738.8 | 1,806.1 | -67.3 | -3.7 | 1,121.2 | 617.5 | 55.1 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minhabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*€ miljuni*

| | Ott-11 | Set-11 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ott-10 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **8,417.7** | **8,357.4** | **60.3** | **0.7** | **8,146.5** | **271.2** | **3.3** |
| Depożiti *overnight* | 4,620.0 | 4,477.6 | 142.3 | 3.2 | 4,187.8 | 432.2 | 10.3 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 123.9 | 125.3 | -1.4 | -1.2 | 113.4 | 10.4 | 9.2 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,673.8 | 3,754.5 | -80.7 | -2.1 | 3,845.3 | -171.5 | -4.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **10,768.0** | **10,742.8** | **25.2** | **0.2** | **10,229.2** | **538.8** | **5.3** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,335.9 | 2,305.8 | 30.1 | 1.3 | 2,192.6 | 143.3 | 6.5 |
| Self lil setturi oħra | 8,432.1 | 8,437.0 | -4.9 | -0.1 | 8,036.6 | 395.5 | 4.9 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,182.8** | **11,087.1** | **95.6** | **0.9** | **10,946.4** | **236.3** | **2.2** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 41,488.2 | 41,318.8 | 169.5 | 0.4 | 40,090.8 | 1,397.4 | 3.5 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 30,305.5 | 30,231.6 | 73.8 | 0.2 | 29,144.4 | 1,161.1 | 4.0 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minhabba rrawndjar.
(2) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.